



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 137/24

il-Lussemburgu, 11 ta' Settembru 2024

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-494/22 | NSD vs Il-Kunsill

Gwerra fl-Ukraina: il-Qorti Ġenerali tikkonferma l-miżuri restrittivi adottati kontra l-impriża finanzjarja Russa NSD

L-awtoritajiet nazzjonali li jimplimentaw il-miżuri restrittivi għandhom jiżguraw ruħhom li l-interferenza fid-dritt għall-proprjetà tal-klijenti ta' impriża koperta minn dawn il-miżuri tkun konformi mal-Karta

NKO AO National Settlement Depository (NSD) hija kumpannija Russa. Hija tipprovdi servizzi ta' arkivjar u ta' żamma ta' titoli bħala depożitarju ċentrali. Hija tipprovdi wkoll servizzi finanzjarji, b'mod partikolari bħala korp ta' kreditu mhux bankarju li għandu liċenzja li tagħtih id-dritt li jipprovdi servizzi ta' ħlas bankarju.

F'Ġunju 2022, NSD ġiet inkluża fil-listi ta' persuni koperti mill-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea wara l-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina, u l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħha ġew iffriżati. L-inklużjoni tagħha f'dawn il-listi kienet motivata mill-fatt li hija kellha rwol essenzjali fil-funzjonament tas-sistema finanzjarja Russa u, għaldaqstant, li hija kienet tagħti appoġġ materjali jew finanzjarju lill-Gvern Russu.

NSD talbet lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tannulla l-atti li permezz tagħhom isimha ġie inkluż u miżmum fil-listi tal-persuni koperti mill-miżuri restrittivi.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija llum, **il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors ta' NSD.**

Il-Qorti Ġenerali tikkonstata, qabelxejn, li NSD ma wrietx li l-Kunsill kien wettaq żball meta kkonstata li din l-impriża kienet istituzzjoni finanzjarja ta' importanza sistemika **li għandha rwol essenzjali fil-funzjonament tas-sistema finanzjarja Russa.**

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tirrileva li NSD tipprovdi servizzi finanzjarji ta' valur sinjifikattiv kemm lill-Gvern Russu kif ukoll lill-Bank Ċentrali Russu u li l-kontribuzzjoni iktar ġenerali tagħha għall-funzjonament tajjeb tas-sistema finanzjarja Russa hija wkoll ta' importanza partikolari. Għalhekk, din l-impriża tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Gvern Russu **appoġġ materjali jew finanzjarju ta' importanza kwantitattiva u kwalitattiva li jippermettilu juża riżorsi finanzjarji bil-għan li jkompli l-azzjonijiet tiegħu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukraina.**

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ta' NSD ibbażat fuq il-fatt li l-miżuri restrittivi applikati fil-konfront tagħha wasslu għall-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi tal-klijenti tagħha mhux koperti minn dawn il-miżuri u, għaldaqstant, għall-ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom, il-Qorti Ġenerali tfakkar li din il-kumpannija ma tistax tinvoka, fil-kuntest tar-rikors għal annullament tagħha, dritt għall-proprjetà li ma huwiex tagħha. Madankollu, fl-eżami ta' talba għat-tneħħija tal-iffriżar tal-assi ta' dawn il-klijenti, ibbażata fuq deroga prevista mill-Kunsill għal dan il-għan, **l-awtoritajiet nazzjonali**, li fuqhom jaqa' l-obbligu li jimplimentaw il-miżuri restrittivi, **għandhom jiżguraw ruħhom li l-indiċi fid-dritt għall-proprjetà tal-klijenti kkonċernati jkun josserva l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.** Barra minn hekk, dawn il-klijenti għandhom rimedji ġudizzjarji quddiem il-qorti nazzjonali sabiex jinvokaw kwalunkwe ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom stabbilit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinholq bl-annullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) u, [fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

